StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI TAL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2009**
DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**L-EWWEL KLASSI** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

Isem: ______________________________ Klassi: ____________

**ISTRUZZJONIJIET LILL-ISTUDENTI:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitlub/a

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

---

**GĦALL-UŻU TAL- GĦALLIEMA**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F(i) | F(ii) | Ġ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 26 | 4 | 7 | 5 | 10 | 18 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | | |

**KUMMENTI**

______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________
______________________________________________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ**

Aqra sewwa din is-silta u wara wieġeb il-mistoqsijiet:

# IL-QATTUS ĦABIB TAL-BNIEDEM!

Minn xi żmien 'l hawn il-qattus qiegħed jiġi maħbub aktar mill-familji li qegħdin jikkunsidrawh bħala vera ħabib. Ejjew nersqu aktar viċin tal-qattus u nitkellmu fuq il-karatteristiċi tiegħu. (*par.* 1)



M'għandniex għalfejn nibdew nagħtuh ismijiet jew insaffrulu. Jekk irridu nagħmlu ħbieb miegħu mill-ewwel, kulma rridu hu li nħarsu lejh u nitbissmulu. (*par.* 2)

Oqogħdu għarkopptejkom xi ftit metri quddiemu u ħalluh josservakom. Hu jrid jifhem li ma tridux tweġġgħuh. Ħalluh jersaq viċin tagħkom u jekk jibqa' ħdejkom ifisser li jkun għażilkom bħala l-ħbieb tiegħu u hekk jibqa' għal dejjem. (*par.* 3)

Naturalment tridu tibdew tieħdu ħsiebu. Ikollu bżonn kaxxa mimlija biċ-ċana (il-*litter*) għall-bżonnijiet tiegħu. Lill-qattus, bħal kull annimal ieħor, tridu tifhmuh u tieħdu ħsiebu b'paċenzja u mħabba. U jekk tindunaw li ma tax kas tal-kaxxa u ħammeġ fid-dar, aqbduh u ħuduh fejn ħammeġ u għajtu miegħu. Imbagħad ressquh lejn il-kaxxa u mellsuh. Tindunaw li hekk jifhem. (*par.* 4)

Qattus f'saħħtu jista' jgħix madwar għaxar snin, ekwivalenti għal ħamsin sena tal-bniedem. Il-fatt li qattus iswed iġib l-isfortuna hija opinjoni kompletament żbaljata. Infatti, il-qattus iswed huwa wieħed mill-isbaħ annimali li hawn fin-natura. Huwa miġbud ħafna aktar lejn sidu, għax għal żmien twil kien jiġi ppersegwitat. (*par.* 5)

(Addattament minn artiklu miktub minn N. F., *Sagħtar,* Frar 1994)

**A. FEHIM IT-TEST** (10 marki)

1. X'qiegħed jiġrilu l-qattus minn ftit taż-żmien 'l hawn?

________________________________________________________________________

________________________________________________________________________ (2)

2. X'għandna nagħmlu biex insiru ħbieb tiegħu?

________________________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Kif nistgħu nuruh li m'aħniex sejrin inweġġgħuh?

__________________________________________________________________

4. X'jagħmel qattus biex jurikom li għażilkom bħala ħabib?

__________________________________________________________________ (1)

5. Semmi l-kapaċitajiet li jrid ikollok biex tieħu ħsieb qattus.

__________________________________________________________________ (1)

6. X'għandek tagħmel meta l-qattus iħammeġ fid-dar?

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

7. Inti taħseb li qattus iswed iġib l-isfortuna? Għid għaliex.

__________________________________________________________________

__________________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (26 marka)

### (i) ANALIŻI TESTWALI

1. *Bħala vera* ***ħabib*** *(par. 1)*

   In-nom ***ħabib*** qiegħed jirreferi għall- ____________________________________. (1)

2. *u ħalluh josserva****kom*** (*par. 3*)

   Għal xiex qiegħed jirreferi l-pronom **kom** fil-kelma ***josservakom***?____________________. (1)

3. Il-frażi ***huwa miġbud ħafna*** *(par. 5)* tfisser: (Immarka t-tajba)

   iħobb ħafna ___________

   jagħraf ħafna ___________ (1)

4. Sib u ikteb il-verb f'din il-frażi: ***li nħarsu lejh*** *(par. 2)*

   ______________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(ii) LESSIKU / VOKABULARJU**

Mis-silta sib il-kliem li jfisser l-istess bħal:

1. qrib (*par*. 1) ________________________________
2. jarakom (*par*. 3) ________________________________
3. tintebħu (*par*. 4) ________________________________
4. idea (*par*. 5) ________________________________ (4)

**(iii) SINTASSI / SENTENZI**

1. Għaqqad iż-żewġ sentenzi billi tuża l-kelma addattata minn dawk fil-parentesi. (bilkemm, għalkemm, għaliex)

   Qattus iswed jgħidu li jġib l-isfortuna. Huwa wieħed mill-isbaħ annimali li hawn fin-natura.

   ________________________________________________________________________

   ________________________________________________________________________ (1)

2. Għaqqad dawn is-sentenzi mingħajr ma tibdel it-tifsira:

   Oqogħdu għarkopptejkom xi ftit metri quddiemu u ħalluh josservakom. Hu jrid jifhem li ma tridux tweġġgħuh.

   Hu jrid jifhem____________________________________________________________

   ________________________________________________________________________ (1)

**(iv) GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA**

**(a) Imla l-vojt:**

Bħal ħafna ____________________ (plural ta' **pajjiż**) Mediterranji, Malta ____________________ (femminil ta' **għandu**) ħafna ħwienet tal-kafè. F'kull kafè għandek issib pasti, ______________________ (plural ta' **kejk**), gallettini u *snacks* oħra. Fost oħrajn wieħed _____________________ (verb minn **s-t-għ**) jsemmi l-pastizzi tal-irkotta. Dawn huma triangli _____________________ (aġġettiv minn **ż-għ-r**) tal-għaġina sfiljurata mimlija bl-irkotta u li jiġu servuti jaħarqu. Bl-Ingliż ngħidulhom *cheescakes* imma m'għandhom x'__________________ (verb minn **q-s-m**) xejn mad-deżerta Amerikana. (6)

*(Silta mill-ktieb Oħroġ il-Għerf Grammatika Bil-Livelli – 1)*

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**(b) Imla l-vojt skont kif mitlub/a fil-kolonna tal-ġenb:**

| | |
|---|---|
| 1. Kilt _____________ torta. | 1. L-artiklu |
| 2. Xrobna __________________ tajjeb. | 2. Nom minn **n-b-d** |
| 3. ________ bieb miftuħ. | 3. L-artiklu |
| 4. Jien klijenta _____________ bank li ħareġ din l-offerta. | 4. Il-partiċella **ta' + l-** |
| 5. Il-ġimgħa li għaddiet jiena _________________ ktieb. | 5. Verb minn **q-r-j** |

(5)

**(ċ) Imla l-vojt b'kelma mill-għerq mogħti:**

| | |
|---|---|
| 1. Aħna bqajna ____________________ sa tard billejl. | 1. F-T-X |
| 2. Il-plural ta' bitħa huwa _______________________. | 2. B-T-Ħ |
| 3. F'Marsaxlokk tara ħafna ______________________ tas-sajjieda. | 3. X-B-K |
| 4. Jiena noqgħod __________________ u għatba ma' Celine. | 4. B-W-B |
| 5. Min __________________ żomm miegħu. | 5. Q-R-J |

(5)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (4 marki)

Ikteb l-**idjomi** f'dawn is-sentenzi.

1. Meta ra dik il-ħerba quddiemu Tony sar minn kull lewn.

_____________________________________________________ (1)

2. Mario ħabat bil-karozza u ta' għoxrin sena mar għand Alla.

_____________________________________________________ (1)

Imla l-vojt billi tkompli dawn il-**Qwiel.**

1. In-nanna qaltli biex infaddal xi ftit kuljum għax bil-qatra _______________________

_________________________________________________________________________ (1)

2. L-għalliem qalilna li lkoll kemm aħna ndaqs, għalhekk ngħidu li x-xemx __________

_________________________________________________________________________ (1)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV

Imla l-vojt bi kliem xieraq biex tagħti sens lil dan il-paragrafu.

Naħseb li kull wieħed u waħda minnkom xi darba jew oħra rajtu xi naħla, n_________________ jew f______________________. Tassew sbieħ u ħelwin hux? Fil-bitħa tal-iskola tagħkom għandkom issibu xi insetti wkoll bħal ħanfusa, nemla, d_____________________ jew ġ_________________ . Dawn l-insetti jistgħu jidħlulna d-dar u nsibuhom f'xi ________________________ jew mal-____________________. Għalkemm xi kultant dawn idejquna, għandna ngħożżuhom u nħobbuhom għax huma ħlejjaq li jsebbħu l-___________________________ tagħna.



## E. TIFTIX – TRAWWIM KULTURALI – FOLKLOR (5 marki)

Ikteb ħames sentenzi dwar xi suġġett li fittixt dwaru fil-proġett tal-Folklor.

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

_______________________________________________________________________________

## F. (i) LETTERATURA – NADRIET 1 (10 marki)

Wieġeb A, B, Ċ



**A.** **L-GĦASFUR** ta' Ninu Cremona

Xbieha tal-ħsieb li tgħix fl-għoli tas-sema
taħrab is-sħab, il-lejl u d-dlamijiet,
int ħudni 'l bogħod ningħażel minn das-swied
ta' qalb li nħoss, li tqil kuljum jinġema'.

1. Din l-istrofa tissejjaħ _______________________. (1)
2. Agħti żewġ kelmiet li jirrimaw:

___________________ ___________________ (2)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

3. Ta' xiex huwa xbieha l-għasfur li qiegħed jitkellem miegħu l-poeta?

______________________________________________________________________

**B.** F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar il-poeżija ***San Franġisk u l-Gamiem*** ta' Ġużè Delia.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

**Ċ. AKTAR NADRIET POETIĊI**

Agħżel poeżija **WAĦDA** mil-lista u ikteb il-ħsieb tagħha.

| |
|---|
| *distanza* –Tarċisju Zarb, *Dik Mewġa!* – Anastasju Cuschieri, *Raħal Twelidi* – Karmenu Vassallo, *Il-Kebbies Tal-Fanali* – Anton Buttigieg, *Xita* – Mary Meylak |

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________ (3)

| | |
|---|---|
| **F. (ii) LETTERATURA – PROŻA** | (18-il marka) |

**A. Meta Jaqa' ċ-Ċpar** ta' Trevor Żahra (6 marki)

Agħżel karattru **WIEĦED** u ikteb madwar erba' sentenzi dwaru/dwarha.

| |
|---|
| John, Helen, Marthese, Frankie, Pawlu |

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**B. Stejjer Minn Tarf Ir-Raħal** ta' Ġorġ Borġ

Mill-istejjer: *Is-Santa Taċ-Ċikwejra, In-Niżla Tal-Ganċ, Il-Ħamiem tal-Barumbara* liema għoġbitek l-aktar? F'madwar għoxrin kelma ikteb dwar din l-istorja.

**Ċ. Stejjer tal-Linka –** Sedqa (7 marki)

Ikteb ħamsin kelma dwar:

X'tifhem bil-kelma disleksja u x'għamlet Jo biex għelbitha? (*L-istorja ta' Jo*)

**Ġ. KOMPONIMENT** (20 marka)

Ikteb madwar 150 kelma dwar **WIEĦED** minn dawn is-suġġetti. (Ikteb fuq karta separata).

1. Iddeskrivi tnejn minn sħabek tal-klassi.
2. Film li rajt dan l-aħħar.
3. Il-kompjuter fil-ħajja tiegħi.
4. Għandna nħobbu l-annimali? Kif?
5. Is-suġġett favorit tiegħi fl-iskola.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers